VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,227, 28 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 99 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-24 ta' Jannar, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Is-sottoparagrafu (e) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (d) tal-paragrafu (5) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(e) il-grad ta' Master of Dental Surgery mogħti minn Lulju 2018 'il quddiem."

4. Il-paragrafu (8) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (7) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"**Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara**:

(8) Qabel ma jirreġistraw għall-Kors, l-applikanti li jiġu aċċettati huma meħtieġa wkoll joqogħodu għall-*occupational health assessment* kif dettaljat fl-*Occupational Health Protocol* approvat mill-Bord, biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudju tagħhom. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit ma jitħallewx jattendu għall-pjazzamenti kliniċi indikati fil-programm ta' studju."

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Matul il-Kors, ir-riżultat ta' kull taqsima studju għandu jkun ippubblikat skont dawn il-marki u l-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla mertu:

Medda tal-Marki	**Grad**
95% - 100%	A+
80% - 94%	A
75% - 79%	B+
70% - 74%	B
65% - 69%	C+
55% - 64%	C
50% - 54%	D+
45% - 49%	D
0% - 44%	F"

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 16–il krettu ECTS, jew żewġ taqsimiet studju li bejniethom għandhom assenjati mhux aktar minn 20 krettu ECTS, għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari f'Settembru tal-istess sena."

L-Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. L-istudenti ma jitħallewx jerġgħu joqogħdu għal kwalunkwe eżami tas-Sena Finali (il-Ħames Sena) jekk ma jkunux segwew b'mod sodisfaċenti studji addizzjonali u/jew xogħolijiet prattiku u/jew kliniku li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ."

L-Emenda għar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafi (4) u (5) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jagħti l-Grad bi klassifikazzjoni ogħla minn dik indikata fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament lil studenti li l-Marka Medja Finali Mwieżna tagħhom hija sa tliet marki anqas mill-minimu għall-klassifikazzjoni, sakemm li l-istudenti kollha li jiksbu l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew ogħla f'dik il-klassifikazzjoni, għandhom jiġu mogħtija l-ogħla klassifikazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad ikun meħtieġ iżomm il-minuti tad-deċiżjoni tiegħu u l-ġustifikazzjoni għaliha.

(5) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jagħti l-Grad bi klassifikazzjoni anqas minn dik indikata fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, sakemm li l-istudenti kollha li jiksbu l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew waħda aktar baxxa f'dik il-klassi għandhom jiġu mogħtija klassifikazzjoni aktar baxxa. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad ikun meħtieġ jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord li għandu jżomm il-minuti tad-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha. L-istudenti kkonċernati jistgħu jappellaw lis-Senat kontra d-deċiżjoni sa 15–il ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni."